V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Il-Każ M.9903 — Softbank Group/Mizuho Financial Group/One Tap Buy

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 242/03)

1. Fl-14 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— **SoftBank Corp**. ("**SoftBank**") (il-Ġappun), sussidjarja ta' Softbank Group Corp.,

— **Mizuho Securities Co., Ltd**. ("**Mizuho**") (il-Ġappun), sussidjarja ta' Mizuho Financial Group,

— **One Tap BUY Co., Ltd**. ("**OTB**") (il-Ġappun), ikkontrollata biss minn SoftBank.

SoftBank u Mizuho jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' OTB.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SoftBank hija sussidjarja ta' SoftBank Group Corp., li hija involuta f'telekomunikazzjonijiet avvanzati, servizzi tal-Internet, l-Internet tal-oġġetti, ir-robotika u forniturі tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa;

— Mizuho hija sussidjarja ta' Mizuho Financial Group Inc., li toffri servizzi finanzjarji u strateġiċi, inklużi servizzi bankarji, titoli, ġestjoni fiduċjarja u ta' assi, karti ta' kreditu, servizzi bankarji privati u kapital ta' riskju;

— OTB tipprovdi applikazzjoni mobbli ta' senserija li tippermetti lill-investituri li jirrisjedu l-Ġappun jinnegozjaw it-titoli (ishma elenkati fl-Istati Uniti u fondi nnegozjati fil-Borża Ġappuniża) fi kwalunkwe ħin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9903 – Softbank Group/Mizuho Financial Group/One Tap Buy

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË